274

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
25 JUL 2019
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

24 ta' Lulju 2019

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/7560/18* |
| *Lokazzjoni:* | *Site at Triq il-Ghelejjel, Gudja* |
| *Proposta:* | *Constuction of a terraced hosue with a different layout from that approved in permits PA 8141/17 and PA 2885/18* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Bellia Norbert**

**vs**

**L-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2018, giet sottomessa din l-applikazzjoni intiza sabiex tinbena terraced house bi tqassim differenti minn permessi diga approvati bin-numri PA08141/17 u PA02885/18.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fit-3 ta' Lulju 2019, l-istess Kummissjoni cahdet il-permess.

Bid-dovut rispett, l-appellant ihossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi l-ewwel raguni tar-rifjut hija zbaljata stante li l-izivlupp propost irid jinqara u jittiehed fil-kuntest ta' dak li jipprovdi il-Pjan Lokali, u policies ohra rilevanti u certament li dak propost mill-appellant jirrispekkja dan kollu.

1.2 Illi l-Awtoirta applikat hazin dak li jipprovdi l-artikolu 72 tal-Kap. 552, stante li llum huwa ben stabbilit anke fil-gurisprudenza illi l-ebda konsiderazzjoni materjali ma tista tintuza sabiex tinnewtralizza dak li huwa provdut car f' policy.

1.3 Illi l-Awtorita iddecideit hazin meta hija pplikat principji genereici u skartat dak li tipprovdi policy ad hoc fuq il-materja in kwistjoni, u dan kontra dak provdut fil-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta.

1.4 Illi hawn issir referenza ghad-decizjonijiet ta' l-Awtorita fil-PA 1811/18 u PA 6890/05 fejn sitwazzjoni identika ghal dik in kwistjoni giet deciza b' mod differenti mill-kaz odjern.

1.5 Illi ssir ukoll referenza ghall PC 72/07 fejn dak iz-zmien kien car li il-proposta ta' l-gholi tal-bini kienet marbuta ma' dak mibni fil-madwar. Sitwazzjoni li llul hija ben diversa u certament dak propost illum huwa dak li jirrispekja dak li hemm fil-madwar.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**